



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

18.3.2021

Is-Sur Cristian-Silviu Buşoi
President
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027: Nagħtu spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa (COM(2019)0330 – C9-0043/2019 – 2019/0152(COD))

Sur President,

B'ittra tat-3 ta' Frar 2021, inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' proċedura, biex jeżamina x-xerqien tal-bażi ġuridika għall-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027: Nagħtu spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa

Il-Kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Marzu 2021.

I – Sfond

Fil-11 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027: Nagħtu spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa (2019/0152(COD)). L-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI), li hija annessa mal-proposta, tistabbilixxi l-istrateġija u l-prijoritajiet għall-EIT għall-perjodu 2021-2027.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 173(3) TFUE. Hija tinkludi wkoll ċitazzjoni li tirreferi għar-Regolament Nru 294/2008, tal-11 ta' Marzu 2008, li jstabbilixxi l-

Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija¹ (ir-"Regolament EIT tal-2008"), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu, li jindika li l-Kummissjoni bbażat ruħha impliċitament fuq id-dritt sekondarju bħala bażi ġuridika addizzjonali.

Ir-rapport ITRE adottat fl-24 ta' Ġunju 2020 jissostitwixxi r-referenza għar-Regolament EIT tal-2008 b'referenza għall-proposta tal-Kummissjoni li tirriformula r-Regolament EIT tal-2008 (il-proposta għal Regolament EIT tal-2019)².

Fil-kuntest tan-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin bħalissa, il-koleġiżlaturi qed jesploraw il-possibbiltà li d-deċiżjoni tkun ibbażata biss fuq l-Artikolu 173(3) tat-TFUE.

II – L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma fformulati kif ġej:

TITOLU XVII

INDUSTRIJA

Artikolu 173 (ex Artikolu 157 TKE)

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kondizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.

Għal dan l-għan, skont is-sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tfittex li:

- tħaffef l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali,*
- tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp tal-impriżi fi ħdan l-Unjoni kollha, partikolarment ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju,*
- tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi,*
- tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.*

2. L-Istati Membri, għandhom jikkonsultaw ma' xulxin, b'konnessjoni mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tiegħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi dik il-koordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw li jistabbilixxu linji gwida u indikaturi, li jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar Prattika, u li jħejju l-elementi meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament informat.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni), COM(2019)0331 final tal-11 ta' Lulju 2019.

3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-għanijiet kif stabbiliti fil-paragrafu 1 permezz tal-politika u l-attivitajiet li ssegwi skont dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jistgħu jiddeċiedu dwar miżuri speċifiċi b'appoġġ għall-azzjoni meħuda fl-Istati Membri sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, minbarra kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

Dan it-Titolu m'għandux iservi ta' bażi għall-introduzzjoni mill-Unjoni ta' xi miżura li tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jkun fiha dispożizzjonijiet fiskali jew dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet jew l-interessi tal-impjegati.

III – Ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment qieset il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-TUE) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni.³ Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "l-għażla tal-bażi legali ta' att Komunitarju għandha tiġi bbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkun suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju, fosthom, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att".⁴ Għaldaqstant, l-għażla ta' bażi ġuridika żbaljata tista' tiġġustifika l-annullament tal-att ikkonċernat. F'dan il-kuntest, ix-xewqa ta' istituzzjoni li tipparteċipa b'mod aktar attiv fl-adozzjoni ta' att partikolari, iċ-ċirkostanzi li fihom l-att ikun ġie adottat, kif ukoll il-ħidma li tkun saret f'aspetti oħra fl-ambitu tal-azzjoni koperta minn att partikolari huma irrilevanti għall-identifikazzjoni tal-bażi ġuridika korretta.⁵

Jekk l-eżami ta' att juri li huwa jsegwi għan doppju jew li għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minnhom jista' jiġi identifikat bħala prinċipali jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun biss sekondarju, dan l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti.⁶ B'mod eċċezzjonali, fejn miżura jkollha diversi objettivi jew komponenti kontemporanji, li jkun marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett meta mqabbel mal-ieħor/oħrajn, tali att għandu jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti⁷. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli ma' xulxin u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew⁸. Barra minn hekk, il-miżura magħżula għandha tikkonforma mat-tip preskritt tal-att leġiżlattiv meta speċifikat

³ *Opinjoni 2/00*, ECLI:EU:C:2001:664, il-punt 5.

⁴ Is-Sentenza fil-kawża C-411/06 P, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, EU:C:2009:518, il-punt 45 u l-ġurisprudenza ċitata fiha. Ara wkoll *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-130/10, EU:C:2012:472, il-punt 42 u l-ġurisprudenza ċitata fiha.

⁵ Is-Sentenza fil-Kawża C-269/97, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2000:183, il-punt 44.

⁶ Is-Sentenza fil-Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, EU:C:2013:675, il-punt 53; *il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-411/06, EU:C:2009:518, il-punt 46 u l-ġurisprudenza ċitata fiha; *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-490/10, EU:C:2012:525, il-punt 45; *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-155/07, EU:C:2008:605, il-punt 34.

⁷ Il-Kawża C-211/01, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2003:452, il-punt 40; il-Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2006:4, il-punti 43-56.

⁸ Il-Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("Diossidu tat-titanju"), ECLI:EU:C:1991:244, il-punti 17-25; il-Kawża C-268/94, *Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

fit-Trattat.

IV – Għan u kontenut tal-miżura proposta

Il-proposta għal deċiżjoni tipprevedi l-adozzjoni ta' Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT għall-perjodu 2021-2027. Il-premessa 2 tal-proposta tiddikjara, *inter alia*, li: "[L]-ASI jenħtieġ li tiddefinixxi l-oqsma ta' prijorità u l-istrateġija fit-tul għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ("EIT")". Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni jellabora billi jiddikjara li l-ASI "tistabbilixxi l-oqsma ta' prijorità, l-istrateġija u l-ħtiġijiet finanzjarji għall-EIT għal dak il-perjodu u tistabbilixxi kif l-EIT se jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' Orizzont Ewropa." L-anness għall-proposta jindika wkoll li l-ASI "tiddefinixxi l-għanijiet [tal-EIT], l-azzjonijiet ewlenin, ir-riżultati mistennija u r-riżorsi meħtieġa" u tiżgura l-allinjament meħtieġ tal-EIT mal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2021-2027 (Orizzont Ewropa).

V – Analiżi u determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa

(a) Ix-xerqien tal-Artikolu 173(3) TFUE bħala bażi ġuridika

L-Artikolu 173(3) jipprevedi bażijiet ġuridiċi biex jinkisbu għadd ta' objettivi fil-qasam tal-politika industrijali fl-Unjoni.

Kif spjegat fit-Taqsima IV, l-ASI tistabbilixxi l-istrateġija u l-prijoritajiet tal-EIT għall-perjodu 2021-2027 u tiddefinixxi l-għanijiet tiegħu, l-azzjonijiet ewlenin, ir-riżultati mistennija u r-riżorsi meħtieġa. L-EIT, li l-missjoni tiegħu hija li "jikkontribwixxi għal tkabbir u kompetittività ekonomika sostenibbli fl-Unjoni, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri"⁹, huwa stabbilit bir-Regolament EIT tal-2008 li huwa bbażat fuq l-Artikolu 173(3) tat-TFUE. Il-proposta għal Regolament EIT tal-2019 hija bbażata wkoll fuq il-bażi ġuridika industrijali tal-Artikolu 173(3) tat-TFUE.

Minn dan ta' hawn fuq isegwi li l-għan tal-proposta huwa li tiġi stabbilita d-direzzjoni politika tal-EIT li, min-naħa tiegħu, għandu l-għan li jinkiseb għadd ta' objettivi fil-qasam tal-politika industrijali fl-Unjoni. Fid-dawl tal-għan u l-kontenut tagħha, il-proposta hija bbażata b'mod xieraq fuq l-Artikolu 173(3) tat-TFUE.

(b) L-irrelevanza tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 bħala bażi ġuridika

Ta' min isemmi li l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta, fit-taqsima "bażi ġuridika" tiegħu, isemmi biss l-Artikolu tat-173 TFUE.

Fir-rigward tal-Artikolu 17 tar-Regolament EIT tal-2008, il-paragrafu 1 tiegħu jistabbilixxi l-proċedura għat-tnejjija tal-abbozz tal-ASI: "Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011 u kull seba' snin minn hemm 'il quddiem, l-EIT għandu jħejji abbozz ta' ASI għal seba' snin u jippreżentah lill-Kummissjoni." Il-paragrafi 2 u 3 jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-ASI. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 17(4) jirreferi għall-Artikolu 173(3) tat-TFUE, li jistabbilixxi li: "Filwaqt li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-

⁹ L-Artikolu 3 tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) (COM(2019)0331 final - 2019/0151(COD))

Kunsill għandhom jadottaw l-ASI skont l-Artikolu [173(3)] tat-Trattat."

L-Artikolu 17 ma jagħtix is-setgħa li tiġi adottata leġiżlazzjoni iżda jispeċifika li l-abbozz tal-ASI għandu jittejjja mill-EIT u jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, qabel ma jiġi finalment adottat fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja. L-Artikolu 17 tar-Regolament EIT tal-2008 ma jipprevedix bażi ġuridika għad-deċiżjoni iżda minflok jistabbilixxi l-proċedura għat-ttejjja, il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz u jagħmel sempliċi referenza għall-Artikolu 173(3), il-bażi ġuridika attwali tad-deċiżjoni.

Minn dan ta' hawn fuq isegwi li ma hemmx bżonn li ssir referenza addizzjonali għall-Artikolu 173(3) tat-TFUE billi ssir referenza għar-Regolament EIT tal-2008. Ir-referenza għall-Artikolu 17 tar-Regolament EIT tal-2008 bħala l-bażi ġuridika tal-proposta għandha titqies bħala żball materjali f'termini ta' teknika leġiżlattiva li għandha tiġi kkoreġuta.

VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Marzu 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'mod korrispondenti, iddeċieda unanimament b'24 vot favur¹⁰, li jirrakkomanda lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija li l-bażi ġuridika xierqa għall-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027: Nagħtu spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa tkun l-Artikolu 173(3) tat-TFUE.

Dejjem tiegħek,

Adrián VÁZQUEZ LÁZARA

¹⁰ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Marion Walsmann (Viċi President), Ibán García Del Blanco (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), Axel Voss (rapporteur għal opinjoni), Manon Aubry, Gunnar Beck, Patrick Breyer, Geoffroy Didier, Andrzej Halicki, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Esteban González Pons, Heidi Hautala, Mislav Kolakušić, Ilhan Kyuchyuk, Gilles Lebreton, Antonius Manders, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Jérôme Rivière, Franco Roberti, Marcos Ros Sempere, Nacho Sánchez Amor, Stéphane Séjourné, Marie Toussaint, Tiemo Wölken, Lara Wolters and Javier Zarzalejos.